V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(IL-Każ M.10981 – ITOCHU / TOKYO CENTURY / HCM / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 492/02)

1. Fil-15 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Itochu Corporation ("Itochu", il-Ġappun),

— Tokyo Century Corporation ("Tokyo Century", il-Ġappun),

— Hitachi Construction Machinery Co., Ltd ("HCM", il-Ġappun).

Itochu, Tokyo Century u HCM se jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta (il-"JV").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma fil-JV.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Itochu hija kumpanija kummerċjali għal diversi prodotti minn firxa wiesgħa ta' industriji,

— Tokyo Century tipprovdi varjetà ta' servizzi ta' finanzjament, inklużi servizzi ta' lokazzjoni finanzjarja, servizzi ta' lokazzjoni operatorja u bejgħ bi ħlasijiet bin-nifs fir-rigward ta' varjetà ta' tagħmir,

— HCM timmanifattura u tbigħ makkinarju tal-kostruzzjoni, makkinarju għat-trasportazzjoni u magni u tagħmir ieħor.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-JV (joint venture) se jkunu l-offerta ta' servizzi ta' finanzjament relatati mal-prodotti tal-HCM lin-negozjanti u lill-klijenti konsumaturi, kif ukoll ta' servizzi finanzjarji relatati ma' prodotti mhux tal-HCM b'talba tal-klijenti tagħha.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10981 – ITOCHU / TOKYO CENTURY / HCM / JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË